# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru    48**

**Avviz  numru    830/00/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjetajiet konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu s-somma komplessiva ta' (LM918.23,0) disa mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fit-28 ta' Gunju, 1999 liema danni diga thallsu mis-socjeta' attrici;**

2. **Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal LM11.50,0 kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Company Limited datata t-18 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

2. **Illi fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;**

3. **Illi fit-tielet lok it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jigi sottolineat li ghalkemm is-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" giet debitament notifikata bl-avviz odjern fil-konfront taghha kif jidher minn notifika tal-11 ta' Lulju tas-sena 2000, u nonostante l-fatt li l-istess socjeta' konvenuta kienet regolarment rapprezentata fl-atti ta' din il-procedura, din l-istess socjeta' inspjegabbilment baqghet kontumaci;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' Michael Attard Limited kienet importat konsenja ta' 44 vettura mill-port ta' Marsilia fit-28 ta' Gunju ta' l-1999 permezz tal-vapur tas-Sea Malta Company Limited jismu l-Maltese Falcon;**

2. **Illi meta din il-konsenja vetturi giet spezzjonata nstab li kellha hsarat komplessivament ammontanti ghall-tmin mija u hamsin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, kif jidher mid-dokument immarkat Dok. JF 3 a fol 19 sa 21 tal-process;**

3. **Illi ai termini tad-dokument immarkat Dok. DV 1 a fol 38 sa 40, u tad-deposizzjoni guramentata a fol 42, is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghal dawn il-hsarat u konsegwentement giet regolarment surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' li sofriet dawn id-danni;**

4. **Illi mix-xhieda mismugha (ara fol 15), jirrizulta li l-hsarat hawn reklamati ma kienux jezistu meta l-vetturi ttellghu abbord fil-25 ta' Gunju ta' l-1999 izda gew indikati meta iddahhlu Malta fit-28 ta' l-istess xahar;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited hi estranea ghall-akkadut u r-responsabbilita' kollha ghandha tigi akkollata**

**lis-socjeta' konvenuta l-ohra Sea Malta Company Limited u ghalhekk filwaqt li tillibera lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited bl-ispejjez mit-talbiet kontenuti fl-avviz odjern, tiddikjara li s-socjeta' Sea Malta Company Limited hija responsabbli ghall-hsarat in dizamina; tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' tmin mija u tlieta u ghoxrin centezmu; u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**